MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 35/2011/1

**Avviz Numru: 35/2011/CSH**

**Kevin Attard**

**vs**

**MCE Limited u V. Attard (Works) Limited**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-28 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti: -***

*Rat ir-rikors prezentat mir-ritrattant Kevin Attard fejn ippremetta is-segwenti:-*

*1. "Illi permezz ta' rikors pprezentat fil-21 ta' Mejju 2010 is-socjeta' MCE Limited talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lill-esponenti, f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' V. Attard (Works) Limited, ihallasha l-ammont ta' sitt elef disa' mija wiehed u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€6951.97) rapprezentani bilanc minn somma akbar ta' sebat elef disgha mija wiehed u hamsin ewro u sebgha u disghin centesmu (€7,951.97) rapprezentanti prezz ta' armoured cable mibjugh u kkonsenjat lilu fuq inkarigu tieghu stess, bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2010 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-esponenti.*

*2. Illi permezz ta' sentenza moghtija fl-erbgha (4) ta' Novembru 2010 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' MCE Limited u kkundannat lill-esponenti jhallas lis-socjeta' MCE Limited is-somma ta' sitt elef disa' mija wiehed u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€6951.97) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skont il-ligi, u cioe mit-28 ta' April 2010.*

*3. Illi hemm lok ghat-thassir ta' din is-sentenza u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza billi l-att promotur ma giex notifikat skont il-ligi lill-esponenti, u billi huwa qatt ma deher fis-smigh tal-kawza.*

*4. Illi mill-atti jirrizulta illi l-att promotur intbaghat fil-fond immarkat bin-numru 398 fi Triq San Tumas, Tarxien. Dan l-indirizz huwa s-sede registrat tas-socjeta V. Attard (Works) Limited, u inghata f'idejn Michelle Portelli. Dan kollu jirrizulta mir-riferta.*

*5. Illi Michelle Portelli fiz-zmien tal-konsenja tal-att promotur, kienet impjegata mal-kumpanija Southplan (Real estates) Limited, li ghandha s-sede taghha fl-istess fond.*

*6. Illi n-notifika tal-att promotur ma hijiex legali ghaliex ma saritx skont l-Artikolu 187 tal-Kodici tal-Organizazzjoni ta'*

*Procedura Civili billi l-persuna li laqghet din in-notifika ma hijiex persuna li l-ligi tippermetti li tilqa' n-notifika ta' atti gudizzjarji li kellhom jigu notifikati lill-esponenti Kevin Attard fil-vesti tieghu personali.*

*7. Illi ghalhekk hemm lok ghat-thassir tas-sentenza impunjata ai termini tal-artikolu 811 (b) ta' l-Artikolui 812 u tal-Artikolu 815 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*8. Illi l-esponenti sar jaf bis-sentenza appellata wara li huwa gie interpellat b'ittra legali tal-hamsa (5) ta' Jannar 2011 ghal hlas ta' dak li gie kanonizzat favur is-socjeta' ritrattanda."*

*Illi konsegwentement ghalhekk talab lill-Qorti:-*

*1. "Thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza moghtija minnha fl-4 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet "MCE Limited vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Atttard (Works) Limited" (Rikors Numru 187/2010 CSH) u dan a tenur tal-artikolu 811 (b), tal-Artikolu 812 u tal-Artikolu 815 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*2. Tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza imressqa permezz ta' rikors bin-numru 187/2010 fl-ismijiet "MCE limited vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Atttard (Works) Limited" u dan previa kull provediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta MCE Limited, li hija minn issa ingunta in subizzjoni."*

*Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' MCE Limited fejn Ivor Pugliesevich ikkonferma bil-gurament is-segwenti:-*

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Preliminarjament in-nullita ta' dawn il-proceduri stante illi mhux biss l-okkju tal-kawza ma huwiex l-istess bhal dak tas-sentenza attakkata, izda talli s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta fil-kawza originali tpoggew it-tnejn bhala konvenuti. Dan ifisser li f'kaz li din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tghaddi sabiex tisma' l-kawza mill-gdid, l-okkju tas-sentenza finali ma jkunx jirrifletti l-okkju originali u korrett. (Vide sentenza tal-Qorti ta' Qrati tal-Gustizzja Appell 9/20001 PS* ***Mildred Ferando vs Loris Bianchi et*** *deciza 12.05.2003).*

**2.** *Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, illi d-dikjarazzjoni bil-gurament tar-rikorrenti fejn fil-premessi tieghu jghid illi :-*

*'…hemm lok ghat-thassir ta' din is-sentenza u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza, billi l-att promotur ma giex notifikat skont il-ligi lill-esponenti, u billi huwa qatt ma deher fis-smigh tal-kawza' – hija dikjrazjoni ghal kollox inveritiera, intiza biss sabiex tipprova tqarraq b'din l-Onorabbli Qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*a. Fl-ewwel lok issir referenza ghall-verbal ta' din l-istess Onorabbli Qorti datat 5 ta' Lulju 2010 fil-kawza 197/10CSH (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A) fejn waqt l-istess seduta gie registrat illi deher ' Dr. Clayton Fenech ghall-konvenut li informa lill-Qorti li l-flus fil-fatt huma dovuti u li l-klijent tieghu se jaghmel pagament dovut fil-gimghat li gejjin.' (sottolinear tar-rittrattat) prova skjaccanti u inekwivoka mhux biss illi l-konvenut f'dik il-kawza debitament notifikat, tant illi baghat irrapprezentant tieghu, izda talli ammetta t-talbiet talesponenti!*

*Mhux hekk biss, talli gustament din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza ghall-istess verbal f'pagna 2 tas-sentenza hawnhekk attakkata (Dok "A" mar-rikors guramentat) u allura hija ghal kollox evidenti l-mala fede tar-rikorrenti meta huwa jghid illi ma giex notifikat u ma deherx fis-smigh tal-kawza meta proprju baghat lir-rapprezentant legali tieghu sabiex jammetti t-talbiet attrici! (sottolinear tar-rittrattat).*

*b. Fit-tieni lok jiena nikkonferma bil-gurament tieghi illi fit-22 ta' Ottubru 2010 ossia wara hames xhur min-notifika tal-atti tal-kawza lil Kevin Attard, l-istess Kevin Attard kien cempilli personalment u staqsieni sabiex nibghatlu rendikont li jkopri s-sorte, l-imghax, l-ispejjez legali u tal-Qorti sabiex ikun jista' jhallashom – prova ohra li turi bl-aktar mod car illi huwa kien notifikat bl-atti tal-kawza. Fis-26 ta' Ottubru 2010 jiena kont bghattlu l-ammont minnu mitlub permezz ta' sms fuq tliet numri differnti tieghu ossia 99429462, 77429462 u 79429462.*

*Dawn il-messaggi ghadhom fuq il-mobile tieghi u ghalhekk dak kollu li qed niddikjara prezentement bil-gurament tieghi jista' jigi ppruvat a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi allura dan kollu ghandu juri bl-iktar mod car u inekwivoku illi dan ir-rikors ghar-ritrattazzjoni huwa fl-ewwel lok ghal kollox qarrieqi u inveritier – ghalkemm guramentat mill-istess Kevin Attard – stante li n-notifika mhux biss saret u kienet effettiva, izda talli l-istess rikorrenti odjern baghat ir-rapprezentant legali tieghu waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 sabiex jammetti t-talba u jwieghed il-hlas.*

*Fit-tieni lok, l-istess rikors odjern huwa ntiz biss sbaiex jahli l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti bi procedura ghal kollox inutili u bla ebda bazi, meta huwa car daqs il-kristall illi l-gudizzju ta' din l-istess Qorti kien wiehed gust u korrett kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u allura ma hemmx lok li jigi sindikat bil-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni.*

*3. Minghajr pregudizzju, irid jinghad ukoll illi r-rikorrenti Kevin Attard ma appellax mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u qed jittanta jipprevali ruhu mill-procedura ta' ritrattazzjoni l-artikolu 812 tal-Kap 12 huwa car fis-sens illi:-*

*Ir-ritrattazzjoni ta' kawza decisa b'sentenza moghtija minn Qorti tal-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kapijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan,*

*basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti ili minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell. (sottolinear tar-rittrattat).*

*Ma hemm ebda dubju – meta Avukat jippresenta ruhu quddiem il-Qorti u jsitqarr kjarament ghan-nom tal-klijent (f'dan il-kaz il-konvenut) illi l-flus mitluba huma dovuta u addirittura aktar minn hekk illi l-klijent tieghu kien ser jaffettwa l-hlas dovut fil-gimghat li gejjin, - ma tistax ma tikkostitwix prova cara u inekwivoka illi l-konvenut kien jaf ben tajjeb fatti u konsegwentement mhux possibbli ghaih li jintavola l-odjerni proceduri.*

*U minkejja illi din id-dikjarazzjoi fil-Qorti saret fil-5 ta' Lulju 2010 u kien hemm anke komunikazjoni telfonika bejn il-konvenut u l-mittenti addirittura f'Ottubru 2010 (aktar minn tlett xhur wara), ukoll sabiex jonora l-obbligi tieghu u jaffettwa l-hlas, il-konvenut ma uzufruwiex ruhu mill-artikolu 659 tal-Kap 12 – proprju ghaliex huwa evidenti illi huwa kien ser ihallas, u din il-procedura qed issir biss b'tentattiv iehor sabiex jevita l-obbligu tal-hlas wara illi:*

*a. irrilaxxja cekk u ma ssarafx qabel il-ftuh tal-kawza.*

*b. Tkellem ghan-nom tieghu Avukat u ammetta t-talbiet attrici quddiem il-Qorti, u*

*c. Gew skambjati telefonati u smses mal-mittent biex ihallas.*

*U baqa' ma hallasx. Huwa aktar minn evidenti illi rrikorrenti qed jittenta procedura ohra gudizzjarja biex jipprova jevita l-obbligu tieghu tal-hlas.*

*4. Illi in okltre u minghajr pregudizzju, in ogni caso, it-talba attrici m'ghandhiex tintlaqa' vis a vis s-socjeta' intimata V. Attard (Works) Limited stante illi s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni tikkostitwixxi res judicata fl-konfront taghha.*

*5. Illi ukoll minghajr pegusdizzju s-socjeta' esponenti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti laqa' bhala valida n-notifika*

*ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' V. Attard (Works) Limited, izda qed jikkontesta l-istess notifika f'ismu personali – kontradizzjoni fiha innifisha li fid-dawl ta' dak fuq espost, tkompli ssahhah it-tezi tal-esponenti dwar il-mala fede tar-rikorrent f'dawn il-proceduri.*

*6. Illi fil-mertu in-notifika tar-rikorrent saret korrettament u ai termini tal-artikolu 187 tal-Kap 12, tant illi deher ir-rapprezentant legali tal-istes rikorrent fis-smiegh tal-kawza u ghalhekk in vista tal-gurisprudenza nostrana li dejjem tishaq illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju u ma jammettix interpretazzjoni estensiva, ir-rikorrent ma ghandux dritt ghar-ritrattazzjoni.*

*7. Salv rsposta ulterjuri.*

*8. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

*Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-6 ta' April 2011.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi m'hemm l-ebda dubbju li l-azzjoni prezenti hija wahda ta' ritrattazzjoni. Dan johrog kemm mill-mod kif inhu mfassal ir-rikors promotur u kif ukoll mill-artikoli tal-ligi li bis-sahha taghhom ir-rikorrenti jippretendi li ghandha ssir "ir-ritrattazzjoni tas-sentenza". Hawnhekk ma jistax ma jigix osservat li fis-sistema procedurali Maltija, ma tezistix ritrattazzjoni ta' sentenza imma biss smigh mill-gdid ta' kawza li taghha sentenza tkun saret gudikat. Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn il-partijiet fi kwistjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (pro veritate habetur).*

*Kif inghad fis-sentenza moghtija nhar it-28 ta' Gunju 1976 mill-Qorti tal-Appeli Sede Civili fl-ismijiet* ***Caterina Gerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana*** *(mhix publikata), l-effikacja guridika u socjali tal-gudikant titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwlaunkwe stadju u minghajr limiti, l-parti telliefa terga'*

*tqajjem il-kwistjoni u tiftahha. Huwa ghalhekk li l-legislatur ried li jaghti espressament b'mod tassattiv u f'dawk it-termini biss ir-rimedju ta' ritrattazzjoni li bih bis-sentenza tista' tigi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret gudikat.*

*B'dan il-mod, jekk ghal kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li ghaddiet in gudikat (vide* ***Martin Farrugia vs John Mifsud*** *deciza 31 ta' Lulju 1996 App Inf mhix publikata). Minbarra dan, ilu zmien twil stabilit il-principju li s-sahha tar-rabta ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni, fejn ma jintweriex li l-parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha innifisha, ghal kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha innifisa jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa. (vide is-sentenza* ***Zonda vs Parthenis*** *kollezz vol. XIV.i.219 deciza fil-31 ta Marzu 1894).*

*Jinghad li l-procedura ta' ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: Fl-ewwel post dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment sentenza (vide* ***Kontrollur td-Dwana vs Michale Zammit et*** *deciza 5 ta' Gunju 1985 App. Civ) li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi raguni wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi (imsejha teknikament in rescidente kif konfermat fis-sentenza* ***Wismayer vs Wismayer*** *deciza fis-7 ta' Dicembru 1936 ( Kollezz Vol. XXIX .i.795)) u fit-tieni post, dik li terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in recissorio). Fi kliem iehor l-oggett tal-ewwel fazi hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet u dan fuq talba specifika f'dan is-sens (App.* ***Camilleri noe vs Schembri*** *deciza 19.2.1962 Kolezz Vol. XLVI.i.90).*

*Qabel ma l-Qorti tkun sodisfatta li sabet raguni tajba biex thassar is-sentenza ewlenija, m'ghandhiex bhala regola tidhol biex tqis il-mertu tal-kwistjoni maqtugha bis-sentenza li taghha jintalab it-thassir (****Harrison noe vs Zammit noe*** *Kollezz XXII.iii.235).*

*Issa b'zieda ma' dan kollu li ssemma' dwar in-natura eccezzjonali tal-procedura tar-ritrattazzjoni, jrid jinghad ukoll li l-prova tar-raguni li ghaliha titlob li kawza tigi mismugha mill-gdid, trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija misthoqqa. (**Aquilina vs Ciantar** deciza 27.4.1992 kollezz Vol. LXXVI .iv.666). Il-parti ritrattata m'ghandha ghalfejn tipprova xejn specjalment meta r-raguni li ssejjes it-talba ghas-smigh mill-gdid ma titnissilx minn ghamil tal-parti ritrattata.*

*Issa li saru l-kjarifiki rilevanti ghall-istitut tar-ritrattazzjoni, l-Qorti sejra f'dan l-istadju tqis dik il-parti tal-eccezzjoni fejn qieghed jinghad li l-att promotur huwa null stante li mhux biss l-okkju tal-kawza ma huwiex l-istess bhal dik tas-sentenza attakkata, izda talli s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta fil-kawza originali tpoggew it-tnejn bhala konvenuti fil-kawza li giet reza res judicata, u li dwarha qed issir it-talba ghar-ritrattazzjoni.*

*Din il-Qorti rat is-sentenza citata mir-ritrattat MCE Limited, u cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-12 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Mildred Ferando vs Loris Bianchi Pro Et Noe** fejn inghad is-segwenti :-*

*"L-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop illi jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata "miscarriage of justice" u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet.*

*Il-ligi tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju tal-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament.*

*Din l-osservazzjoni hi ta' kjara importanza in kwantu r-rimedju tar-ritrattazzjoni jidderoga principju baziku legali u cioe` li sentenza finali (gudikat jew res judicata) ghandha forza ta' ligi bejn il-kontendenti. Il-gudikat, in fatti, ghandu l-forza li jtemm darba ghal dejjem il-litigju li jinsorgi u li jigi definit bis-sentenza.*

*Ma jistax ikollok ir-ritrattazzjoni ta' kawza jekk ma jkollokx ukoll it-thassir tas-sentenza li ddeterminat dik il-kawza. U ma jistax ikollok it-thassir jew revoka tal-kawza aggudikata jekk min kien kompartecipi fiha ma jkunx ukoll imdahhal bhala attur jew konvenut fil-procedura innifisha tar-ritrattazzjoni.*

*Huwa evidenti li ma tistax tintalab ir-ritrattazzjoni jekk mhux billi jigu citati l-istess persuni involuti fis-sentenzi attakkati.*

*Dan hu bil-wisq naturali in kwantu hu difficli illi wiehed jikkontempla r-revoka ta' sentenza minghajr il-presenza tal-kollitigandi gja nvoluti u mmiskjati fis-sentenza oppunjata. Wiehed ghandu dejjem ma jitlefx di mira illi l-provvediment tal-ligi fih anke dan l-istadju 'in rescindente' li jwassal ghall-annullament tas-sentenza ritrattata. Dan qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fis-smigh mill-gdid tal-kawza fl-istadju 'in rescissorio'.*

*Dwar il-mod ta' kif ghandu jsir l-okkju fil-gudizzju ta' ritrattazzjoni l-ewwel Qorti sostniet illi hu ghal kollox antigjuridiku u koncettwalment kontrosens li wiehed jipprospetta l-possibilita` ta' smigh mill-gdid ta' kawza bejn partijiet li ma jkunux ghal kollox identici ma' dawk tal-procedura li fihom tkun inghatat is-sentenza impunjata".*

*Aktar tard fl-istess sentenza jingahd li:-*

*"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni jakkorda dritt lil dawk biss li jkunu partijiet interessati fis-sentenza attakkata u mhux ukoll lil kull terza persuna li ma tkunx ippartecipat fil-proceduri."*

*Fis-sentenza li nghatat fl-ismijiet* ***Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe vs Negte. Giuseppe Calcedonio Borg et****", mill-Qorti tal-Appell Kummercjali nhar il- 21 ta' Gunju 1871 (Vol V p571) jinghad li :-*

*"E` evidente pertanto che l'attore, secondo le ovvie regole di procedura, non poteva domandare la ritrattazione della*

*menzionata causa e la revoca delle anzidette sentenze, altrimenti che colla citazione delle stesse persone, in contestazione delle quali le dette due sentenze sono state proferite" .*

*Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni jakkorda dritt lil dawk biss li jkunu partijiet interessati fis-sentenza attakkata, u mhux ukoll lil kull terza persuna li ma tkunx ippartecipat fil-proceduri.*

*Jinghad ukoll fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet* ***Mildred Ferando vs Loris Bianchi Pro Et Noe****:- "Anke t-taghlim gurisprudenzjali hu ben ovvju ghal din il-Qorti. Huwa ghal kollox inkoncepibbli koncettwalment illi r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni jikkoncedi s-smigh mill-gdid ta' kawza li fiha t-terz ma hax sehem u li dwarha jkollok gja gudikat bejn il-kontestanti. Kieku dan kellu jkun accettat il-gudikat jigi svalutat billi c-certezza tigi reza fix-xejn. U kif rimarkat drabi ohra, "l-amministrazzjoni tal-gustizzja tisfa' prattikament stultifikata u x-xoghol tal-Qorti jisfa' bhax-xoghol ta' dak illi jkun qieghed jaghzaq fl-ilma" ("***Leonard Muscat vs Onor Prim Ministru et***", gja citata).*

*Illi fl-atti odjerni jirrizulta, u dwar dan m'hemmx kontestazzjoni, li s-sentenza li dwarha qed tintalab ir-ritrattazzjoni giet moghtija minn din il-Qorti nhar l-4 ta' Novembru 2010 (Rikors numru 187/2010CSH) fl-ismijiet* ***MCE Limited vs Kevin Attard f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali vs Attard (Works) Limited,*** *filwaqt li l-okkju tar-rikors odjern huwa "****Kevin Attard vs MCE Limted u vs Attard (Works Limted).*** *Ghalhekk minnufih jirrizulta li din mhix kwistjoni li gie invertit l-okkju, u cioe' l-konvenut fil-kawza in gudikat gie rez rikorrent fil-proceduri odjerni, izda li wiehed mill-konvenuti tal-kawza in gudikat, gie rez rikorrent u iehor gie rez intimat f'dawn il-proceduri, flimkien mal-attur li kien hemm fil-kawza in gudikat. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex talba mnn wiehed mill-konvenuti tal-kawza in gudikat sabiex issir din ir-ritrattazzjoni ta' dik is-sentenza fuq citata fl-ismijiet "MCE Limited vs Kevin Attard et".*

*Fis-sentenza li nghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **Anna Cassar et vs Lawrence Attard noe et** inghad li jekk l-'okkju' ta' kawza jigi maqlub dan ma jfissirx li l-att ghandu jithassar u jigi kunsidrat null u dan ghaliex l-artikolu 175 tal-Kap 12 jaghti s-setgha lill-Qorti li nuqqas bhal dan jigi imsewwi bla xkiel ghal mixi 'l quddiem tal-process.*

*Izda pero' dan mhux kaz ta' nversjoni fl-okkju sic et simplicite, li sar minhabba xi formola partikolari, izda huwa nuqqas tar-rikorrent li ghandu jirrispondi ghalih hu. Din mhix kwistjoni li tista' tintalab xi kjamata in kawza. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li ma tistax issir talba biex tikkonvalida proceduri nullament proposti. Il-Qorti ma tistax tinkoragixxi libertajiet. Dan mhux minhabba xi formalizmu rigidu, izda in kwantu si tratta ta' procedura specjalissima, mhuwiex konsentit li l-ligi u l-procedura tigi cirkumventata b'korrezzjonijiet leggeri.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li qieghda tichad it-talba tar-rikorrenti ritrattant u tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat rittrattat u tiddikjara l-proceduri nulli u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-procedura odjerna.***

***Spejjez a karigu tar-rikorrent."***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Attard datat 18 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Kumpanija appellata MCE Limited u tibghat l-atti ta' din il-kawza lura lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal kontinwazzjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kumpanija appellata MCE Limited.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` MCE Limited (C 3459) datata 1 ta' Gunju 2011 a fol 28 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-

Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat li s-socjeta' appellata V. Attard (Works) Limited ghalkemm debitament notifikata bir-rikors tal-appell fit-23 ta' Mejju 2011 u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fit-23 ta' Gunju 2011 ma prezentatx risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Mark Simiana ghall-appellanti prezenti, u Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-appellata MCE Ltd u Vince Attard ghas-socjeta' V. Attard (Works) Limited. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 28 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li meta gie deciz mill-Ewwel Qorti li fejn l-okkju tal-kawza li biha qed tintalab ritrattazzjoni ma huwiex l-istess bhal dak tad-decizjoni tal-kawza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha dan igib in-nullita' tal-kawza ta' ritrattazzjoni dan huwa legalment inkorrett ghaliex dak li huwa mehtieg huwa li jkun hemm l-istess partijiet li kienu kontendenti fil-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, u dan ghaliex il-kawza ta' ritrattazzjoni hija kawza differenti minn dik li wasslet ghad-decizjoni impunjata; (b) anke jekk fil-kaz l-okkju jrid ikun identiku dan ma jgibx in-nullita' tal-kawza ta' ritrattazzjoni ghaliex setghet issir korrezzjoni abazi tal-**artikolu 175 tal-Kap. 12.**

Illi din il-Qorti tinnota li l-kawza kif proposta mill-appellanti fl-ewwel istanza ghandha t-talba sabiex il-kawza fl-ismijiet

"MCE Limited vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Attard (Works) Limited" (Rikors Numru 187/2010 CSH) deciza fl-4 ta' Novembru 2010 tigi ddikjarata nulla u bla effett u dan a tenur tal-**artikolu 811 (b) u artikolu 812 u 815 tal-Kap. 12.** Mela ma hemm l-ebda dubju li t-talba ghar-ritrattazzjoni qed issir ghal dik il-kawza sewwa indikata fit-talba tal-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi ma` dan jizdied jinghad li l-okkju tal-azzjoni odjerna kif impostat hemm il-partijiet kollha indikati fid-decizjoni mpunjata, u jidher li din il-kawza saret bl-okkju attwali ghaliex jirrizulta li r-ritrattazzjoni saret mill-appellant biss ghaliex qed jallega li huwa ma kienx notifikat validament bil-proceduri tad-decizjoni hawn impunjata, mentri dik li kienet is-socjeta' konvenuta f'dik il-kawza V. Attard (Works) Limited ma ghamlet l-ebda talba simili. B'hekk huwa biss seta` jressaq din il-kawza u ghalhekk huwa l-attur f'din il-kawza, u l-partijiet l-ohra gew indikati bhala konvenuti u ghalhekk la darba l-azzjoni ta' ritrattazzjoni ma hijiex kontinwazzjoni jew parti mill-kawza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha izda hija azzjoni gdida kif jirrizulta mid-disposizzjonijiet tal-**artikoli 815 u 816 tal-Kap. 12,** mela allura la darba din ir-ritrattazzjoni qed issir quddiem l-Ewwel Qorti, min qed jitlob ir-ritrattazzjoni ghandu jigi indikat bhala attur jew rikorrenti, mentri l-partijiet l-ohra fil-kawza rekriminata jistghu jigu indikati bhala konvenuti fl-istess kawza, ghaliex l-importanti huwa li jigi ndikat il-gudizzju li tieghu qed jigi mitlub l-annultament, u dan fit-talba stess tal-kawza bl-okkju preciz, u li l-partijiet fl-istess gudizzju jkun parti fil-kawza ta' ritrattazzjoni indikati sew fir-rikors li bih giet intavolata t-talba ghar-ritrattazzjoni u dan huwa konsonanti ma' dak li gie deciz fis-sentenzi **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003); **"Av. Dr. Louis Bianchi et vs John Azzopardi"** (A.I.C. (PS) – 1 ta' Gunju 2000; **"Luigi Bonnici proprio et nomine et vs Pasqaule Farrugia et"** (P.A. – 11 ta' Lulju 1883).

Illi ghalhekk hija korretta s-sottomissjoni tal-appellanti li fil-kaz odjern l-appellant kien gie mharrek fil-kawza li dwarha

qed tintalab ir-ritrattazzjoni kemm f'ismu proprio u kemm ghan-nom tas-socjeta' V. Attard (Works) Limited u la darba huwa qed jallega li ma giex notifikat personalment skond il-ligi (punt li ghad irid jigi investigat) kien jispetta lilu li jressaq tali kawza, u dan kontra l-partijiet l-ohra fil-kawza, sew jekk dawn kienu atturi u sew jekk konvenuti, b'dan li kien importanti li f'din il-kawza jindika bl-isem korrett tal-kawza u li jinkludi lill-istess partijiet identici f'dik il-kawza bhala partijiet f'din il-kawza u dan huwa bizzejjed sabiex l-ewwel ghan ta' azzjoni ta' ritrattazzjoni li thassar ghal kollox sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet jigi milhuq, u hawn huwa allura bizzejjed li l-partijiet kollha fl-istess gudikat ikunu parti fl-istess kawza, tant li gie ddikjarat li anke jekk l-okkju fil-kawza ta' ritrattazzjoni jkun bil-maqlub dan lanqas iwassal ghan-nullita' tat-talba ta' ritrattazzjoni ghaliex dak li huwa mportanti huwa li l-gudizzju jigi identifikat u li l-partijiet f'dik il-kawza jkunu partijiet fil-kawza ta' ritrattazzjoni, u dan apparti li tali nullita' mhux kontemplata fl-**artikolu 789 tal-Kap. 12** (**"Anna Cassar et vs Lawrence Attard nomine"** P.A. (JRM) – 25 ta' Settembru 2003); **"Filomena Rodo et vs Carmelo Pulis et"** (P.A. (JZM) – 28 ta' Mejju 2009); **"Konrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et"** (A.C. – 5 ta' Gunju 1985).

Illi dan ifisser ukoll li la darba tigi mhassra l-ewwel decizjoni u allura t-talba ta' ritrattazzjoni tigi milqugha, jkun baqa' t-tieni stadju u dan allura jkun li l-kawza li d-decizjoni taghha tigi annullata tigi mismugha mill-gdid, b'dan ghalhekk li tkun dik il-kawza li terga tigi appuntata u mismugha mill-gdid (**"Kummissarju ta' l-Artijiet vs Maria Theresa Caruana Gatto et"** A.C. – 25 ta' Frar 2011). B'hekk dan l-appell qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata MCE Limited, u fil-waqt li tinnota li s-socjeta' appellata l-ohra V. Attard (Works) Limited ghalkemm debitament notofikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u lanqas dehret f'dan l-appell, **tilqa' l-appell**

**interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 18 ta' Mejju 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz b'dan li din il-Qorti qed tannulla u thassar id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Kevin Attard vs MCE Limited et" datata 28 ta' April 2011 (Rikors Numru 35/11), b'dan li minflok tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' appellata MCE Limited u ghalhekk tirrinvija u tibghat l-atti ta' din il-kawza lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-kontinwazzjoni fid-dawl tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti f'din il-kawza.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellata MCE Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------